Ir-rispett ma jiġix waħdu. Trid taħdem għalih. Il-fatti ta' l-istorja jgħallmuna li, ikollhom għaqal u ħeġġa kemm ikollhom imsieħbin ta' xirka letterarja, il-ħajja tal-lum f'Malta tfakkarna li membri ta' xirka, aktar u aktar xirka kulturali, jeħtieġ ikollhom f'idejhom il-għodda sabiex jaslu għal dak li jgħorhom flimkien.

Mhux għajb, jewwilla, li gvernijiet barranin iwennsu u jżommu ħajjin istituti kulturali ġewwa Malta meta ebda gvern Malti mill-1964 sal-lum għadu ma ħaseb ħalli Malta jkollha 'Dar il-Malti' fejn il-kultura Maltija tixxettel, tissaħħaħ, tikber u tixtered? Ix-xirkiet letterarji tal-Malti jistħoqqilhom isibu min inewlilhom dik ir-rifda ta' spalla li tissarraf f'għajnuna serja u konkreta. Tibqa' mnixxef kif f'dil-gżira – nazzjon li fl-Estmi ta' sena waħda jisboq nefqa ta' Lm650 miljun, għad ma wasalniex ħalli naraw tieqaf fuq saqajha 'Dar il-Malti'!

Għadda żmien biżżejjed mill-1964 sabiex dak li trodd il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, Malta troddu lejha nfisha b'fatti bħalma gvernijiet barranin jagħmlu f'Malta għall-kultura lingwistika tagħhom.

L-imsieħbin ta' l-Akkademja tal-Malti għandhom ukoll id-dmirijiet tagħhom kemm lejn il-ħsieb u l-fehma ta' Akkademja u kemm lejn il-membri l-oħra. Jeħtieġ jaħdmu annuna u jfittxu tabilħaqq il-ġid tal-kitba letterarja bil-Malti. Jekk dan kollu ma jagħrfux jaqduh, ibatu huma u tmur minn taħt il-kultura Maltija. Għax jekk Malta bir-raġun kollu tistenna ħwejjeġ xierqa u ta' ġid mill-politiċi tagħha, daqstant ieħor Malta titlob ħsieb safi u xogħol serju minn kull min iwennes l-ilsien Malti bħala għajn ta' ġid pubbliku.

WERREJ

*EDITORJAL* i

DR. CHARLES BRIFFA
*L-Awto-Ġudizzju* 5

MONS. LAWRENCE CACHIA
*Kliem bil-Malti fi Priedka bit-Taljan* 1
*Insellmu lil…* 22

CARMEL CALLEJA
*Ewnuki* 7
*Is-Sewwa* 7
*Sagrifiċċju* 25

J.J. CAMILLERI
*Epigrammi* 26

OLIVER FRIGGIERI
*Ħajku* 27

P. GALEA CURMI
*Jesu Dulcis Memoria* 4
*Ibqa' int Miegħi* 29

PATRI MIKIEL FSADNI
*Priedka bi Kliem u Siltiet bil-Malti Qadim u Mirqum* 8

DR. MANWEL MIFSUD
Ir-*Regoli tal-Kitba tal-Malti* 15

LILIAN SCIBERRAS
*L-Aħħar Għalqa* 30

J. ZAMMIT TABONA
*Għal Ġorġ Pisani* 28



# Kliem bil-Malti fi Priedka bit-Taljan

MONS. LAWRENZ CACHIA

Il-priedka msemmija minn Patri Fsadni fl-artiklu li qiegħed jidher f'dan in-numru tar-Rivista tinsab fil-folji 142 sa 146 tal-manuskritt 91 ta' l-Arkivju tad-Dumnikani tar-Rabat u hija miktuba fuq iż-żewġ naħiet ta' kull folja. Hawn se naghti l-kliem bil-Malti, l-ewwel kif kitbu l-awtur, u wara bl-ortografija tal-lum (fil-korsiv). Il-paġni huma indikati R(ecto) u V(erso). Kliem jew ittri bejn parentesi kwadri huma miżjuda minni.

Fol. 142 R

1 Meta - meta
2 imgħarrac - imgħarraq
3 iferrach - iferragħ
4 t'egrech, ù tintilef il fehma - tegħreq u tintilef il-fehma.
5 [privileġġi] tacha billi saret om alla - [privileġġi] tagħha billi saret omm Alla.
6 imisha - imissha

Fol. 142 V

7 u eqda = u hekkda.
8 ighit il ghaliesc - jgħid il-għaliex.
9 iiatu islaten - jagħtu s-slaten.
10 chem uiechet ista ifhimmhom - kemm wieħed jista' jifhimhom.
11 iiatich sci dignità, izeinu uchol - jagħtih xi dinjità, iżejnu wkoll.
12 mibgutin - mibgħutin.
13 lil min iictaru - lil min jiħtaru [jaħtru].
14 bcal ma iista iati alla l'imbierech lil ruiech - bħal[ma] jista' jagħti Alla l-imbierek lill-erwieħ.
15 iech ruch muctara mnalla tigisc uchol imueba bil grazii colha - jekk ruħ moħtara m(in)n alla tiġix ukoll imweġġħa bil-grazzji kollha.
16 tigi muctara - tiġi moħtara [=maħtura].
17 Bis irrifletti - biss jirrifletti.